# IL-GIMGĦA L-KBIRA KIF NIFTAKARHA JIEN

GIUSI M. BUONTEMPO

Il-gimgha tal-Gimgha l-Kbira, fil-fehma tieghi, hija l-isbah zmien biex it-turista jigi hawn Malta jqatta' gimgha btala, mhux biss ghax tigi fir-rebbiegha, izada wisq aktar ghax ma tulha aktar isib x'jara u japprezza. Gziritna, bhala pajjiz nisrani, kienet, sa ftit ilu, tghozz il-hafna drawwiet religjuzi li missirijietna dahhlu fostna maz-zmien. Jien ilhaqt bosta minn dawn id-drawwiet; billi marridx li jintesew irrid innizzilhom hawn kif ghadni niftakarhom jien.

Ahna l-Maltin konna niccelebraw il-jiem qaddisa tal-Gimgha l-Kbira wara' thejjija tul ir-randan, bis-sawm u l-priedki tal-ezercizzi. Ilkoll konna nidhlu fl-ispirtu qaddis ta' dawk il-granet. Ghadni niftakar li fi zmien ta' sawm, il-bejjiegha tal-halib ma kienux jghajtu "Hawn tal-halib" izda "Hawn ta' l-Abjad.". Ma kienux jghidu "Se niekol", izda "Se noftor." , biex bhallikieku ma jipprofanawx l-ispirtu ta' dawk il-jiem ta' penitenza!

Fil-gimghat tar-randan, il-fratellanzi l-kbar ta' l-ibliet kienu jghamlu xi funzjonijiet fl-oratorju taghhom, fosthom dik li kienu jsejhulha tad-dixxiplina. F'riglejn l-altar kienu jpoggu kurcifiss imdaqqas, u waqt il-kant tal-Miserere jew ta' l-istabat mater, il-fratelli kienu jitilghu tnejn tnejn, ghar-kubtejhom fuq tapit ahmar biex ibusuh, u waqt li jkunu tilghin kienu jaghtu fuq spallejhom bid-dixxiplina, li kien ikun habel b'hafna ghoqod. Il-Fratrllanza tal-Kurcifiss li hemm fil-knisja ta' Giezu il-Belt, kull nhar ta' Gimgha, kienet taghmel proces-sjoni b'wahda mill-vari. F'Hadd Lazzru kienu jghattu il-kwadri, l-istatwi u l-kurcifissi kollha tal-knisja bi drapp vjola. Dan kien isir fil-knejjes kollha. Fl-ahhar gimgha tar-Randan, issir il-processjoni tad-Duluri mill-Fratellanza tal-Kurcifiss ta' Giezu, u jattendu ghaliha mijiet ta' devoti,ftit minnhom hafjin jew bil-kalzetti biss. Fiha jiehu sehem ukoll l-Arcisqof.

Il-Gimgha l-Kbira kienet, u ghadha tibda bhar Hadd il-Palm jew Hadd iz-zebbug, li jfakkar id-dhul trijonfali ta' Kristu f'Gerusalemm. Dakinhar filghodu. qabel il-quddiesa kantata, kienet issir processjoni minn bieb ghall-iehor tal-knisja; il-qassisin bil-palma f'idejhom, u l-abbatini bil-frieghi taz-zebbug. X'hin il-processjoni kienet tasal quddiem il-bieb il-kbir, zewg qassisin kienu jidhlu gewwa u jaghlqu l-bieb warajhom. Minn hemmgew, dawn kienu jkantaw il-vers "Gloria laus et honor tibi sit....."ecc... u minn barra, il-qassisin l-ohra kienu jissuktaw il-vers. X'hin jispicca l-kant tal-versi, dak li kien jerfa' s-Salib, kien ihabbat tliet darbiet mal-bieb bill-lasta tas-salib, u mat-tielet daqqa il-bieb jinfetah u kulhadd jidhol u tibda l-quddiesa. Kienet drawwa sabiha dak inhar, tara rgiel b'xi werqa taz-zebbug fill-pavru tal-glekk, u in-nisa jhabirku biex jiddubbaw ftit biex jaharquh nhar Sibt il-Glorja, u kull nhar ta' Hamis wara l-Imwiet.

Sal-Koncilju Vatikan II, il-funzjonijiet tat-tlitt ijiem t al-Gimgha l-Kbira kienu jsiru filghodu. Wara' nofs inhar kien jitkanta l-Ufficcju tat-Tniebri. Matul dawk it-tlitt ijiem, il-knisja kienet tkun fid-dlam, bilkemm kont tara timxi. F'nofs il-presbiterju kienu jqeghdu kandelabru, li kienu jghidulu l-Barabba, li fuqu kien ikun hemm tlettax il-xemgha kannella. Wara' kull salm li jispicca, kien johrog abbati bl-istuta u jitfi wahda mix-xemghat. Malli tintefa' l-ahhar xemgha, il-qassisin fil-kor, kienu joqghodu jhabbtu s-sedili ghal-ftit sekondi, u ahna t-tfal kien ikollna xalata naghmlu l-istorbju billi nfaqqghu ic-cuqlajti jew inhabbtu mal-bibien.

Nhar il-Hamis filghodu, il-Knisja kienet tnehhi il-luttu ghal-ftit minuti, biex tfakkar it-twaqqif ta' l-Ewkarestija, u mal-kant tal-Glorja, kien jieqaf id-daqq kollu tal-qniepen kollha, sa nhar is-Sibt filghodu. Minflok qniepen kienu juzaw cuqlajti ta' l-injam. Fi tmiem il-quddiesa kienet issir ir-repozizzjoni solenni tas-Santissmu ghall-kappella tas-Sepulkru, li kienu jarmawha bix-xeni bhat-tijatru. Wara' l-funzjoni, l-altari kienu jigu mnezzghin minn kull armar ta' triehi, ecc..

Wara nofsinhar kienu jibdew il-visti tas-sebgha knejjes. Kienet tassew edifikanti dik ta' tant nies jimxu wara s-salib minn knisja ghall-ohra, bil-kuruna f'idejhom jghidu r-ruzarju b'lehen gholi, b'gabra u qima tassew ezemplari. L-aktar li kienet tolqotni, lili, bhala tifel, kienet id-dehra ta' tant irgiel flimkien ma' marthom, u bosta drabi ma' uliedhom, li bla misthija ta' xejn kienu jghamlu l-visti bhala familja wahda. Dak iz-zmien, waqt il-visti, ma kontx tisma' hlief il gekulatorja "Nadurawk, o Gesu', u nberkuk, ghax b'Salibek u l-mewt Tieghek Inti fdejtna" li kienet tinghad flok il-glorja.

F'hafna knejjes wara' nofsinhar, kienet issir il-priedka tat-tliet sieghet, dwar is-seba' kelmiet li Sidtna Gesu kien qal minn fuq is-Salib. Kienet priedka twila li aktarx kienu jaqsmuha f'xi tlieta jew erbgha taqsimiet, biex il-predikatur jistrieh ftit; fl-intervall kienu jkantaw xi re sponsorji minn tal-Gimgha l-Kbira. Ghadhom jissemmew dawk tas-surmast Kan. Dun Alwig Fenech tal-Birgu. Dak iz-zmien, jien kont inkanta fil-knisja ta' San Filippu Neri ta' L-Isla mas-surmast Antonio Pace (Baghbusu) ta' Bormla. Kienet tkun dehra tassew kommoventi dik tad-depozizzjoni ta' Gesu Me jjet minn fuq is-Salib, xhin zewg sacerdoti kienu jitilghu bis-sliem mas-Salib biex inizzluh, u jqeghduh fuq speci ta' sodda.

F'bosta parrocci, hhar il-Gimgha l-Kbira wara' nofsinhar issir processjoni bxi tmien vari tal-kartapesta li jirrapprezentaw diversi waqtiet mill-Passjoni ta' Sidtna Gesu' Kristu, originati mill-Fratellanzi tal-Kurcifiss. Antiki hafna huma dawk tal-

Belt u t-tlitt ibliet tal-Kottonera. Il-Fratelli tal-Belt u ta' l-Isla kienu jilbsu kunfratija u barnuz ta' l-ixkora, i muzzetta sewda, bil-grieq, u b'Salib ta' l-injam ta' xi zewg piedi u lanterna zghira f'idejhom. Dawk ta' Bormla jilbsu konfratija sewda, u dawk tal-Birgu vjola. Fi tfuliti kienet ghadha ma dahletx id-drawwa li f'dawn il-proce ssjonijiet idahhlu rgiel libsin ta' centurjuni u suldati Rumani, profeti jew mambri tas-sinagoga. Kellna biss, barra l-fratelli, is-seba bandalori bid-drapp tal-bellus bis-seba' kelmiet ta' Kristu minn fuq is-Salib, u bandalora ohra kbira bis-sigla ta' l-imperu ruman S.P.Q.R. (Senatus PolulusQue Romanus) li ahna t-tfal konna nfissruha 'Sei Pastizzi u Quattro Ravioli'. Kien ikunhemm ghadd ta' tfal libsin zimarri tad-damask biex isommu xi lanterna jew xi simbolu tal-Passjoni, bhalma huma kuruna tax-xewk, imsiemer, ecc.. Dawn il-processjonijiet jifthu bl-istandard tal-fratellanza b'zewg irgiel ma' genbu, wiehed bil-flawt u l-iehor bit-tambur miksi bl-iswed.

Fiz-zmien meta ma kienx hawn kumdita' biex wiehed jigri minn post ghall-iehor, ahna tal-Kottonera aktarx konna nikkunt entaw ruhna bil-processjonijiet taghna. Konna nahsbu li l-vari taghna kienu l-isbah. Jghidu li x'uhud minn dawn il-vari inhadmu fi Spanja, izda ohrajn saru Malta. Dak iz-zmien, f'Malta kellna bosta jahdmu fil-kartapesta, mill-ahjar, fosthom jissemmew Karlu Darmanin, Cenu Bonello, Toni Chircop (Mill-Isla), u Salvu Psaila minn Bormla. Ahna ta' l-Isla l-ewwel konna naraw il-processjoni taghna hierga. Fi zmieni, l-Isla bi

hgara kienet tingabar fuq il-Vitorja biex tarha hierga. Kulhadd kien jilbes skúr, l-irgiel bil-libsa tad-djagunar, li aktarx kienet tkun l-istess wahda tat-tieg, bl-inkravata jew coff iswed, bil-kappell pastizz jew nofs tomna. In-nisa kienu jilbsu l-ghonnella tal-harir ikkurdunat. Dak iz-zmien ma kont tara lil-hadd ipejjep nhar il-Gimgha l-Kbira. Ir-Redentur kien minn dejjem fic-centru tal-processjoni taghna. Il-Harsa tieghu penetranti li fl-istess hin tnissillek tama kienet thajjar folla kbira ta' devoti biex jimxu warajh, min biz-zrbun, min bil-kalzetti, min hafi. Is-sodsa ta' Kristu mejjet, li konna nsejhulha l-Munument, ghad li hi s emplici, hija artistika hafna. Ir-reffiegha tal-Munument ma kienux jilbsu l-konfratija bhall-ohrajn, imma bhal qassisin, bl-ispellizza u s-suttana. Qabel il-Vara l-Kbira timxi l-banda Queen's Own, li kienet iddiq marci funebri sbih, u wara' l-vara jimxi l-Kapitlu. Sa ftit ilu, il-kanonci kienu jilbsu l-kappamanja bl-armellin. Fl-ahhar tohrog id-Duluri. Fi zmieni kienu ziedulha l-San Gwann minflok l-anglu li kellha li kellu l-imsiemer u l-kuruna f'idejh. Minn hawn konna mmorru nigru biex nilhqu ta' Bormla, fejn l-aktar l i kienet tigbed l-attenzjoni kienet l-istatwa tassew sabiha ta' Kristu fil-Gnien taz-Zebbug. Kristu hawn qieghed mixhut jitlob minn tulu fuq il-blat, b'ghajnejh lejn is-sema. Ir-Redenteur jghidu li huwa xoghol ta' Mastru Pawl Azzopardi mill-Belt. Il-Banda San Gorg, tal-post, hija maghrufa ghall-marcijiet funebri sbieh li ddoqq. Ghadhom jissemmew dawk ta' Melilli "L-Ultima Caduta","Il-Cipresso", u ta' Meruzzi "Venerdi Santo", u ohrajn.

Hawn kellhom ukoll id-drawwa li fuq il-bradella tal-vara l-Kbira u tad-Duluri, iqeghdu xi subien imlibbsin biss bis-suf tan-nghag. Trid tara dawk il-povri tfal itertru bill-bard! X'hin dawn iz-zewg vari kienu jaslu biex jaqsmu minn Triq l-Oratorju ghall-Triq San Gorg, kien jinhtegilhom idawru s-salib b'xi mekkanizmu minn taht il-bradella biex ikunu jistghu jghaddu bla ma jahbat, minhabba li t-triq dejqa. Sadattant fil-parrocca, is-sagristani, mghejjunin minn xi dilettanti, malajr malajr inehhu minn mal-hitan tal-knisja id-damask iswed u jarmaw l-ahmar biex sa l-ghada filghodu l-knisja tkun tidher imzejna ghall-"Glorja".

Minn Bormla konna nmorru nigru l-Birgu biex naraw il-vari libsin ilbies tal-harir u tal-bellus bill-glalen tad-deheb bhalma juzaw fi Spanja. Sbieh huma il-vari tal-Marbut u ta' l-Ecce Homo, xoghol tal-Bormliz Mastru Salv Psaila. Jekk ma nizbaljax, hawnhekk is-sodda ta' Kristu Mejjet hija tal-fidda mmuntata fuq il-plaxx ahmar. Hawn ukoll, minhabba d-djuq tat-toroq, f'certi postijiet kien ikollhom idawru s-Salib. Il-banda Duke of Edinburgh, bhal imkejjen ohra ddoqq marci funebri ta' surmastrijiet lokali u barranin. Wara li nkunu rajna l-procesjoni tal-Birgu, konna nergghu lura l-Isla, biex narawha diehla. Minn fuq il-Vitorja fejn il-knisja, konna naraw dehra ferm sabiha, bil-vari mqassmin ma' Triq Irjala b'dik il-mixghela kollha. Sadattant fil-knisja kienu jzarmaw il-bankuni tal-vari kollha, u kull wahda li tidhol fil-knisja kienu jpogguha fuq zewg strippi, izarmaw ha, u jibqghu dehlin bihom fl-oratorju

tal-Kurcifiss, biex sa l-ghada filghodu fil-"Glorja", il-vari kollha jkunu f'posthom.

F'xi snin, biex inbiddlu, missieri kien jehodna bill-lanca li kienet tiswa sitt habbiet, u fil-festi sold, biex naraw il-processjoni tal-Belt li tohrog minn ghand il-patrijiet ta' Giezu, u konna nilhquha ghaddejja minn Strada Mercanti li kienet tkun mahnuqa bin-nies. Kien ikunhemm hemda liema bhala, kul-hadd attent ihares lejn il-vari. Kif kien qal tajjeb wiehed gornalista taljan li inzerta kien hawn Malta, "hemda liema bhala li waqt li ghaddejja l-processjoni, meta jdoqq l-arlogg tal-knisja, tisthajlu qed idoqq nofs il-lejl." Il-processjoni tal-Belt minn dejjem kien ikollha ghadd kbir ta' fratelli, xi uhud wicchom mghotti bil-barnuz, ohrajn le. Ohrajn kien ikol lhom maghhom tifel zghir, aktarx xi neputi jew filjozz, izomm-ilhom il-kurdun, drawwa li kont tiltaqgha maghha fil-processjo-nijiet kollha. Fil fehma tieghi, l-isbah fost il-vari tal-Belt, hija il-Vara l-Kbira. Quddiemha timxi il-Banda Cittadina La Vallette, armata sa snienha, bil-Kumitat taghha kollu, iddoqq marci funebri sbieh, fosthom ukoll ta' Chopin. L-istandard tal banda, mkebbeb fuq spallejn ir-reffiegh, flimkien mal-katuba, kienu jkunu mghottijin bil-krep iswed. Kienet dejjem tim-pressjonani is-sodda ta' Kristu Mejjet, xoghol majestuz, b' dawk l-erbgha angli, xoghol il-maghruf Karlu Darmanin. F' l-erbghat-irjus tieghu kienu jimxu l-kanonci ta' San Pawl tal-Belt, libsin il-kappamanja u l-armellin, fuq ir-rukkett tal-vistu bil-bizzilla baxxa u stola sewda. Ir-reffiegha tal-

Monument, hawnhekk ma jidhrux, ghax jerfghu minn taht, u jkunu mghottijin bil-faldrappa tal-bellus ahmar. Wara l-Munument jimxu t-tfal tal-kor ta' San Gakbu, libsin ta' abbatini, jkantaw strofi mill-"Miserere" taht it-tmexxija ta' Charlie Lowell. Wara dawn kienet timxi il-komunita' Frangiskana matterzjarji taghha. Taghlaq il-processjoni il-vara tad-Duluri, b'ghadd gmielu ta' devoti jimxu warajha, bhala weghda ta' xi grazzja maqlugha. Meta kienet tispicca il-processjoni, missieri kien jehodna ghand 'Zewwigni' biex niehdu xi haga; jien u huti konna nixorbu xi flixkun ginger jew luminata tal-kulur, ommi ftit kafe', u missieri kappillier bil-gulepp tal-harrub.

Wara l-processjoni kulhadd imur lura lejn daru ghajjien, lest biex l-ghada jqum kmieni ghall-glorja. X'uhud minnha t-tfal, konna mmorru l-knisja, biex mal-"glorja" ndoqqu l-qniepen, naghmlu xi ftit ta' l-istorbju, nikxfu l-inkwatri tal-altari, izda ohrajn kienu jippreferu imorru f'xatt il-bahar, biex mad- daqq tal-qniepen tal-"Glorja" jaqbzu l-bahar, u in-nisa jkebbzu xi ftit frieghi taz-zebbug f'xi tagen biex ibahhru d-dar.

Bosta minn dawn id-drawwiet tillum spiccaw fix-xejn , iz-zminijiet tbiddlu, u maghhom il-fehmiet u l-gosti tan-nies, u l l-knisja taghmel li tista' biex taggorna maz-zminijiet tallum. It-tajjeb hu, li sa din is-sena stess, il-Maltin xorta iffrekwentaw fl-eluf, ic-cerimonji tal-knisja u l-processjonijiet b'gabra, herqa u hegga mhux anqas minn dik ta' l-imghoddi.